# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 460/2017 MH**

**Illum, 9 ta' Ottubru, 2019**

**Nemea Bank p.l.c. (C-45026)**

**-vs-**

**Jukka Svensk, detentur tal-Passaport Finlandiż Numru PG2004083 residenti Ristiku 49-9, Talinn, 10320, l-Estonja**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat**[1] ta' Nemea Bank p.l.c. (C-45026) kif debitament rappreżentat fuq dan l-att minn Fabio Axisa, sieħeb fid-ditta ta' awdituri PwC u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 336273(M) awtorizzat bħala "Competent Person"ai termini tal-Avviż tar-Regolatur tas-27 ta' April tas-sena

[1] Folio 1

2016 ai termini tal-Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta li gie prezentat fl-24 ta' Mejju 2017 li permezz tieghu espona:

1. *"Illi l-Bank rikorrenti kien liċenzjat sabiex iforni servizzi bankarji f'Malta ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta) u fl-għoxrin (20) ta' Marzu 2015 daħal mal-konvenut Jukka Svensk, detentur ta' Passaport Finlandiż u residenti ġewwa r-Repubblika tal-Estonja f'Loan Agreement (Dokument anness u mmarkat DOK NB 1) wara Term Sheet datata 20 ta' Frar 2015 (Dokument ukoll hawn anness u mmarkat DOK NB 2);*

2. *Illi permezz tal-imsemmi Loan Agreement il-Bank rikorrent kkonċeda faċilitajiet bankarji lill-konvenut sa massimu ta' sitt mitt elf euro (EUR 600,000) skont it-termini, il-kundizzjonijiet u l-garanziji dettaljati kontenuti fl-istess Loan Agreement u t-Term Sheet liema Term Sheet kuntrattwalment tifforma parti mill-Loan Agreement;*

3. *Illi l-konvenut ġibed l-ammont indikat fil-faċilita' bankarja u dan skond id-Drawdown Request datata 27 ta' Frar 2015 hawn annessa u mmarkata bħala Dokument NB 1A;*

4. *Illi l-konvenut Jukka Svensk naqas milli jħallas l-ammonti dovuti minnu u b'hekk kiser waħda jew aktar mill-patti u l-kundizzjonijiet tal-faċilita' imsemmija inkluż il-klawżoli numru 5.2 u 6 tal-Loan Agreement u l-klawżoli korrispondenti fit-Term Sheet;*

5. *Illi tali inadempjenza tat lok għal event of default ai termini tal-Klawżola numru 12 tal-Loan Agreement u kien għalhekk illi fit-28 ta' April 2017 il-*

*Bank rikorrent skatta l-mekkaniżmu kuntrattwali kontemplat u maqbul bejn il-partijiet u bagħat lill-konvenut "Notice for Payment regarding Loan to Jukka Svensk as per Loan Agreement dated 20 March 2015" (Dokument hawn anness u mmarkat DOK NB 3);*

6. *Illi permezz tal-imsemmi avviż il-Bank intima lill-konvenut Jukka Svensk is-segwenti:*

> *"Accordingly through this letter, the Bank is (i) declaring that the Loan, all interest accrued and all other sums payable by you under the Loan Agreement and/or the Term Sheet are immediately due and payable; (ii) terminating all or any obligations of the Bank under the Loan Agreement and/or the Term Sheet; and (III) therefore calling you to pay forthwith to the Bank the sum of six hundred and forty-five thousand seven hundred and twenty euro (EUR 645,720.00), as set out in the attached Schedule A, together with interest until date of effective payment."*

7. *Illi minkejja li dan l-avviż ġie debitament notifikat fuq il-konvenut fl-indirizz tal-email kuntrattwalment indikat fil-klawżola numru 14.1 tal-Loan Agreement il-konvenut baqa' sal-lum inadempjenti u hija għal din ir-raġuni li kellha ssir din il-kawża quddiem din il-Qorti li hija l-Qorti kompetenti li tisma' tali vertenza ai termini tal-klawżola numru 16.2 tal-istess Loan Agreement;*

*Għaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi u wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-Bank rikorrenti Nemea Bank p.l.c. u jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet/kundizzjonijiet imsemmija fil-Loan Agreement u/jew Term Sheet li tifforma parti minnu, partikolarment iżda mhux limitatament billi l-konvenut Jukka Svensk naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lill-Bank rikorrent kif stipulat u kuntrattwalment pattwit bejn il-partijiet u/jew peress illi l-konvenut Jukka Svensk kien inadempjenti f'obbligi oħrajn assunti minnu fil-konfront tal-istess Bank rikorrent;*

2. *Tikkundanna lill-konvenut Jukka Svensk sabiex iħallas lill-Bank attur is-somma ta' sitt mija u ħamsa u erbgħin elf seba' mija u għoxrin euro (EUR 645,720.00) flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-21 ta' April 2017 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa qed jiġi inġunt in subizzjoni."*

Rat **ir-risposta guramentata**[2] tal-kuraturi konvenuti li giet prezentata fit-3 ta' Mejju 2018 li permezz taghha esponew:

---

[2] Folio 95

*"1. Illi f' dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti .*

*2. Illi bla pregudizzju ir-rikorrent irid jipprova li giet segwita l-procedura tan-notifika skond il-Ligi.*

*3. Illi fi kwalunkwe kaz ir-rikorrent irid jipprova l-kaz tieghu skond il-Ligi, b' mod partikolari l-kreditu vantat u jrid jaghti rendikont shih dwar il-hlasijiet kollha effettwati u l-bilanc allegatament dovut.*

*4. Illi l-bank attur irid igib prova tat-titolu minnu vantat fil-konfront tal-intimat.*

*5. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat l-atti kollha tal-kaza

Rat li l-istess kienet għas-sentenza għal-lum.

**Ikkonsidrat**

Illi din hija kawza fejn il-bank attur qiegħed jinvoka pagamenti ta' debitu lilu dovut bis-saħħa ta' kuntratt ta' self li hu kellu mad-debitur tiegħu l-konvenut.[3]

[3] DoK. NB 1 Folio 10

Rat lil konvenut interpellat għal diversi drabi biex jonera l-pagamenti dovuti fuq l-imsemmi kuntratt baqa inadempjenti.

Rat f'dan ir-rigward l-affidavit presentat mill-bank attur ta' ċertu Fabio Axisa juri li mitlub jonora t-*terms of payment* tal-flus lilu avvanzati mill-bank, il-konvenut falla f'dan. Id-dokument NB14[4] esebit ma l-affidavit jagħti spjegazzjoni kif ġew effettwati l-pagamenti mill-bank attur lil konvenut.

Aktar tard l-istess bank presenta nota fejn wera l-ammont sorte dovut bl-imgħaxijiet akkumulati jew li kienu se jakkumulaw sa l' hekkk imsejjħa *cut off date* ċioe' għalhekk id-data tas-dentenza tal-lum. Din is-somma hija fl-ammont ta' seba' mija tnejn u tlettin elf u mitt ewro (€732,100). Din in-nota ġiet ikkonfermata bil-ġurament minn Fabio Axisa fis-seduta tal-lum. Ikkonferma ukoll illi sal-lum ma kien hemm ebda kuntatt mal-konvenut u wisq anqas saru minnu xi pagamenti.

Il-workings tas-somma msemmija huma esebiti bħala dok NB16. [5]

Rat ukoll in-nota tad-deputati kuraturi datata 8 ta' Ottubru 2019 fejn iddikjaraw l-isforzi tagħhom biex jirrantraċċaw lill-istess konvenut bla suċċess.

Ferm il-premess qegħda fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjionijiet kollha mressqa, tilqa t-talbiet attriċi fl-intier tagħhom b'dan illi taqta u tideċidi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet/kundizzjonijiet imsemmija fil-loan agreement/ u jew term sheet li tifforma parti minnu, partikolarment iżda mhux limitatament billi l-

[4] Folio 135
[5] Folio 153

konvenut Jukka Svensk naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lil bank rikorrenti kif stipulat u kuntrattwalment patwit bejn il-partijiet u/jew peress illi l-konvenut Jukka Svensk kien inadempjenti f'obbligi oħrajn assunti minnu fil-konfront tal-istess bank rikorrenti;

Konsegwentement tikkundanna lil konvenut Jukka Svensk sabiex iħallas il-bank attur is-somma ta' seba' mija tnejn u tlettin elf u mitt ewro (€732,100) flimkien ma imgħax ulterjuri kif dovut mil-21 ta' April, 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**